MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2014

Appell Kriminali Numru. 404/2012

Il-Pulizija

[Supretendent Michael Mallia]

Vs

George Azzopardi

Illum, 4 ta’ Dicembru, 2014,

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant George Azzopardi, detentur tal-karta tal-Identita bin-numru 552563M talli:

Nhar it-2 ta' Ottubru, 2002, f'Hal Lija, bil-mezz ta' karta miktuba, sew jekk anonima kemm jekk tkun iffirmata bl-isem tieghu innfisu jew b'isem mahluq, hedded lil Dr. Joseph Zammit McKeon LL.D. u l-familjari tieghu b'xi delitt;

Kif ukoll talli nhar id-19 ta' Jannar, 2003 bil-mezz ta' karta miktbua, sew jekk anonima kemm jekk tkun iffirmata bl-isem tieghu nnifsu jew b'isem mahluq, hedded lil Dr. Joseph Zammit McKeon LL.D. u l-familjari tieghu b'xi delitt.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-23 ta' Awwissu, 2012, fejn il-Qorti infista ta' l-ammissjoni ta' l-imputat, il-Qorti sabet lill-imputat hati u ikkundannatu piena karcerarja ta' xahrejn (2) u a tenur ta' l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 obblikat lill-imputat li bl-ebda mod ma jikkomunika ma' l-Imhallef Joseph Zammit McKeon ghal-pejrjodu ta' tnax (12)-il xahar versu garanzija ta' elfejn ewro (€2000).

Rat ir-rikors ta' appell ta' George Azzopardi pprezentat fit-30 ta' Awwissu, 2012 fejn talab lil din il-Qorti:

Thassar is-sentenza appellata in tot u sabiex ma tipprivax lill-esponent mid-doppio esame, li tirrinvija l-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati ghall-gudizzju skond il-ligi; jew

Alternattivament u subordinatament, f'kaz illi ma tilqax l-ewwel talba tieghu, li tikkonfermaha in kwantu l-ammissjoni tieghu, izda li tirrevokaha biss in kwantu ghall-piena sabiex timponi piena aktar ekwa u gusta skond il-kaz.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

1. L-Ewwel Aggravju – L-Ammissjoni

Bhalma jemergi bic-car mill-fatti fil-qosor supra riprotati, l-ammissjoni tal-imputat grat biss stante li huwa ghazel din it-triq mhux ghax verament jemmen li huwa hati, izda sempliciment b'rizultat tal-informazzjoni lilu moghtija, sabiex b'hekk l-istess George Azzopardi jkun jista` jerga` jmur lura ghax-xoghol tieghu.

Il-Kodici Kriminali jrid illi sahansitra stqarrija rilaxxata minn imputat tkun valida biss jekk din issir minghajr ebda weghda ta' promessi ta' vantaggi jew xort' ohra, u dana a tenur tal-artikolu 658 tal-istess Kodici Kriminali. Fin-nuqqas, stqarrija ta' imputat – l-hekk imsejjha 'regina tal-provi' – titqies bhala wahda ivvizzjata u dikjarata bhala prova inammissibbli. Multo magis, u b'mod aktar importanti, ammissjoni ta' persuna ghall-akkuza migjuba kontra tieghu ma tista` qatt tigi accettata bhala veritjiera meta tigi maghmula biss in konsegwenza ta' piena lilu mweghda u li fl-ebda hin ma jigi infurmat mill-Qorti li ma hijiex qiegheda taccetta il-ftehim milhuq dwar piena.

Il-gustizzja naturali tirrikjedi illi c-cirkostanzi kollha li jwasslu bniedem li jirregistra ammissjoni jkunu tali li mhux biss il-Qorti tkun moralment konvinta li dik l-istess ammissjoni hija wahda spontanea, izda wkoll tirrikjedi li l-istess Qorti jkollha serhan il-mohh illi l-ispontaneita' tal-istess ammissjoni tkun rizultat ta' libera scelta di coscienza, mhux ivvizzjata to do away with the case.

Fil-kaz odjern dan l-ezercizzju, u dan l-iskrutinju sfortunatament ma sehhx mill-ewwel Onorabbli Qorti, u dan x'aktarx ghaliex l-Ewwel Onorabbli Qorti kif preseduta halliet l-emozzjoni tal-bniedem tieghu s-soppravvent, sfortunatament, fuq il-gudizzju taghha. Dana jfisser, u ma jistax ikun interpretat mod iehor, li l-gudizzju li sehh fil-kawza odjerna ma kienx wiehed skond il-ligi, u ghaldaqstant null fl-intier tieghu.

Il-Qorti rinfaccjata b'ammissjoni ghandha l-obbligu li meta dan isehh, trid tara jekk il-fattispeci tal-kaz jinkwadrawx ruhhom propju fl-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat. Vide f'dan is-sens il-kawza 'Il-Pulizija vs Abdul Hamd Tlass', deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali per l-Prim Imhalef emeritus Dr. V. De Gaetano fit-12 ta' Frar, 2008. Ghaldaqstant aktar u aktar ghandha l-obbligu mpost fuqha il-Qorti tal-Magistrati li l-iskrutinju taghha ikun serju u strett meta tigi biex taccetta l-istess. Tant huwa hekk, illi l-gurisprudenza nostrana tishaq illi meta l-Qorti tal-Magitrati tigi rinfaccjata b'ammissjoni, l-istess gurisprudenza tesigi li l-Qorti taghhti l-opportunita` lill-istess 'hati' sabiex, wara li jinghata hin adegwat, jerga' jikkonferma l-istess ammissjoni.

Fil-kaz odjern, filwaqt li tali hin ghal ripensament inghata lil l-esponenti, huwa madanakollu kollu fl-ebda hin ma gie infurmat mill-Qorti tal-Magistrati li l-piena li kienu qeghdin jaqblu dwarha l-partijiet ma kenitx ser tigi abbraccjata mill-istess Qorti.

L-esponenti minn issa jitlob sabiex in sostenn ta' dan l-aggravju jixhed mhux biss huwa stess izda jixhdu wkoll l-Assistent Kummissarju Pierre Calleja, l-Ispettur Michael Mallia, u l-avukati sotto firmati.

2. It-Tieni Aggravju – il-Piena Maqbula

L-esponenit jiddikjara li jifhem li l-Kodici Kriminali attwalment ma jippermettix ezercizzju ta' sentence bargaining quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura

Kriminali, bhal ma jippermetti qudddiem il-Qorti Kriminali, u fil-bidu tal-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttroja, pero` madanakollu jaqbel u jifhem x'inhi l-prassi adoperata b'mod regolari matul dawn l-ahhar decennia quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Minghajr ma l-esponenti jiddilunga fit-tul, u a skans ta' ripetizzjoni ta' dak minnu migjub fl-aggravju precedenti, u minghajr pregudizzju ghall-istess, l-esponenti jaghmel referenza ghal dak migjub fit-taghlim ta' dina l-Onorabbli Qorti fil-kawzi fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Adil Hassan Mohammed', deciza nhar it-13 ta' Lulju, 2012.

L-esponenti minn issa jitlob sabiex in sostenn ta' dan l-aggravju jixhed mhux biss huwa stess izda li jixhdu wkoll l-Assistent Kummissarju Pierre Calleja, l-Ispettur Michael Mallia, u l-avukati sotto iffirmati.

3. It-Tielet Aggravju – il-Piena

Minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti, l-esponenti jemment, tenut kont anke tal-pozizzjoni tal-parte civile hekk kif ivverbalizza ghan-nom tieghu mill-prosekuzzjoni u migjuba fl-atti ta' din il-kawza, kif ukoll tat-trapass ta' zmien li ghadda mid-data tal-incidenti mertu ta' dan il-kaz sal-gurnata tal-llum, li l-piena mposta fuqu hija eccessiva zzejjed u li din l-istess eccessivita` tal-piena hija kotroproducenti ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja, u li fic-cirkostanzi piena aktar ekwa u mita setghet tigi mposta.

Dan qieghed jinghad bl-akbar responsabbilita tentu kont tal-fatt illi dawn il-proceduri jinvolvu u jaraw is-sehem tal-parte civile b'mod attiv sal-ahhar stadju qabel ma' il-kaz ikun iddikjarat res iudicata. Ha huwiex gust illi gudikant ma jaccettax u ma jikkunsidrax il-pozizzjoni tal-parte civile meta qeghdin fir-realm tal-original competence tal-Qorti tal-Magistrati.

L-esponenti jtenni li l-gurisprudenza nostrana uriet kif peina inflitta ghandha tohloq dak il-bilanc bejn l-interessi tal-vittma, tas-socjeta, u b'mod partikolari, tal-imputat b'tali mod u manjiera li l-guztizzja trid tkun wahda ristorattiva u mhux biss retributorja. Vide f'dan is-sens is-sentenzi moghtija minn l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza l-Pulizija vs Aaron Pavia et., deciza fis-26 ta' Jannar, 2001, u l-Pulizija vs Kevin Psaila deciza mill-Mag Dr. C. Scerri Herrera nhar il-25 ta' April, 2005.

Minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg aggravji, f'kaz illi l-istess jigu michuda minn din l-Onorabbli Qorti, l-esponenti jitlob illi a tenur tal-artikolu... tal-Att dwar il-Probation, Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qabel ma dina l-Qorti tghaddi sabiex tippronunzja ruhha dwar il-piena li ghandha tigi mposta fuq l-esponenti, l-istess esponenti jitob li jsir pre-sentencing report.

Ikkunsidrat,

L-appellant George Azzopardi huwa akkuzat talli fit-tnejn (2) ta' Ottubru tal-elfejn u tnejn (2002) f'Hal Lija bil-mezz ta' karta miktuba sew jekk anonima sew jekk mhiex hedded lil Dottor Joseph Zammit McKeon u l-familjari tieghu b'delitt. L-istess ghamel f'okkazjoni ohra fid-dsatax (19) ta' Jannar tal-elfejn u tlieta (2003).

B'sentenza moghtija fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Awwissu tal-elfejn u tnax (2012) il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u ikkundannatu ghal piena ta' prigunerija ta' xahrejn kif ukoll rabtitu skont l-artikolu 383 tal-Kap 9 ghal perjodu ta' sena li ma jimmolestax la lil Dottor Zammit McKeon u l-familjari tieghu taht garanzija ta' elfejn ewro (€ 2,000).

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell. Però permezz ta' verbal tas-sittax (16) ta' Mejju tal-elfejn u tlettax (2013) (fol 38) l-appellant ressaq eccezzjoni ta' preskrizzjoni u iddikjara li jrid jaghmel din il-prova mal-ex Spettur Bernard

Zarb kif ukoll mill-"working police file" li jirreferi ghal dan il-kaz. Il-Qorti laqghet it-talba u fit-tlettax (13) ta' Novembru tal-elfejn u erbatax (2014) xehed l-ex Spettur Bernard Zarb fejn dan informa lill-Qorti illi dak iz-zmien kien ghadu spettur mal-pulizija u kien qed jinvestiga lil George Azzopardi dwar ittri u emails mhux dicenti mibghuta lil certa Rachel Vella li kienet "announcer" fuq it-television. Muri l-kopji tal-ittri illi hemm esebiti a fol 7 u 8 l-ex Spettur Zarb iddikjara li kien qed jarahom l-ewwel darba dakinhar u ma jiftakarx illi kien kellem lill-appellant fuq xi theddid illi kien ghamel lil Dr. Joe Zammit McKeon; jiftakar biss illi l-ahhar darba illi marru d-dar tieghu kien fuq abbuz ta' IT u ghalhekk kellu mieghu lill-espert Dr. Martin Bajada.

Ikkunsidrat:

Permezz tal-verbal tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Awwissu tal-elfejn u tnax (2012) (fol 15) id-Difiza formalment irrinunzjat illi ggib 'il quddiem eccezzjoni ta' preskrizzjoni u aktar ikkoncentrat fuq proposta ta' piena idonea. Jidher illi l-appellant ma hax gost b'dan u wahhal fl-avukat difensur tieghu Dr. Arthur Azzopardi illi gieghlu jammetti meta fil-fatt ma riedx. F'dan l-istess verbal Dr. Arthur Azzopardi jichad kategorikament dak li ntqal u iddikjara li ma kienx se jippatrocinja lill-imputat aktar. Jidher però illi kellu ripensament peress illi Dr. Arthur Azzopardi ghadu qieghed jippattrocinja lill-appellant u kien hu stess permezz tal-verbal fuq imsemmi tas-sittax (16) ta' Mejju tal-elfejn u tlettax (2013) illi qajjem eccezzjoni ta' preskrizzjoni.

Ikkunsidrat:

Minkejja dak il-verbal tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Awwissu tal-elfejn u tnax (2012) il-Qorti accettat li titqassam l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni mqajjma' mid-Difiza peress illi din l-eccezzjoni tista' tinghata fi kwalunkwe stadju anki "in extremis" fl-istadju tal-appell u ippermettiet illi tingieb ix-xhieda, liema xhieda però hija inkonklussiva ghall-ahhar peress illi l-ex spettur Bernard Zarb iddikjara illi qed jara d-dokumenti inkriminanti l-ewwel darba dakinhar illi xehed f'Novembru tal-elfejn u erbatax (2014). Id-Difiza però mhiex kuntenta u

argumentat illi l-pulizija kienu digà jafu lill-appellant bhala awtur ta' dawk id-dokumenti inkriminanti minn dakinhar stess li gie interrogat mill-pulizija dwar il-kaz ta' Rachel Vella. Ir-reat odjern igib terminu ta' sentejn. Kwindi dawk ghaddew skont il-provvediment tal-artikolu 692 tal-Kodici Kriminali peress illi l-preskrizzjoni tibda tiddekorri minn dakinhar illi l-akkuzat ikun gie interrogat mill-pulizija.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti ma taqbel xejn ma' dan l-argument. L-ewwel darba illi l-appellant gie interrogat mill-pulizija kien dwar kaz mhux relatat mal-kaz odjern u l-persuna illi investigah dak iz-zmien l-ex Spettur Bernard Zarb li iddikjara quddiem din il-Qorti illi d-dokumenti inkriminanti fil-kaz odjern qed jarahom l-ewwel darba dak il-hin u ghalhekk zgur illi ma setax ikellem lill-appellant fuq dawk id-dokumenti dakinhar illi kien qed ikellmu fuq il-kaz ta' Rachel Vella. Kwindi, minn din il-prova jirrizulta proprju l-oppost dak illi qed tippostula d-Difiza. Dak iz-zmien ghal dak illi jirrigwarda dan ir-reat ta' theddid fil-konfront ta' Dr. Joseph Zammit McKeon, min kien qieghed jaghmel dak it-theddid ma kienx maghruf mill-pulizija. Kwindi l-pulizija ma setghu qatt jibdew ikellmuh dwar dan il-kaz u la l-persuna ma kinitx maghrufa kwindi l-preskrizzjoni ma bdietx tiddekorri. Veru illi l-pulizija kienu digà jafu illi fuq id-dokumenti kien hemm impronti digitali kif jidher ir-rapport esebit a fol 13 u 14 mahrug fit-tnejn (2) ta' Dicembru tal-elfejn u tnejn (2002). Però min kien it-titular ta' dawk l-impronti digitali ma kienx maghruf u l-ewwel darba illi hemm hjiel ta' dan kien permezz tal-istqarrija rilaxxata mill-appellant fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Awwissu tal-elfejn u tnax (2012) (fol 10). Ghalhekk f'dan il-kaz il-perjodu preskrittiv ma kienx ghadu lahaq ghadda u l-azzjoni fil-konfront tal-appellant ma hijiex preskritta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni mqajjma' mill-appellant permezz tal-verbal tas-sittax (16) ta' Mejju tal-elfejn u tlettax (2013) u tordna l-prosegwiment tal-kawza.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------